

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla)
tal-25 ta' Frar 2008 Anselmo vs Il-Kunsill**

(Kawża F-85/07) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Ħatra —
Klassifika fil-grad — Kandidati magħżula ta' kompetizzjoni
interna — Fatt ġdid — Nuqqas — Inammissibbiltà
manifesta)

(2008/C 92/96)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Anselmo (Brussell, Il-Belġju) u oħrajn (rappreżentant:
S. A. Pappas, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett tal-kawża

Annulament tad-deċiżjonijiet ta' l-Awtorità tal-Ħatra li jiċħdu l-
ilmenti mressqa mir-rikorrenti, kandidati magħżula tal-kompe-
tizzjoni interna B/277, minħabba diskriminazzjoni li huma
jsostnu li huma s-suġġett tagħha meta mqabbla ma' l-uffiċjali li
jibbenefikaw mill-proċedura ta' attestazzjoni.

Dispożittiv tad-digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 269, 10.11.2007, p. 71.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2007 — Hecq vs
Il-Kummissjoni**

(Kawża F-133/07)

(2008/C 92/97)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: André Hecq (Chaumont-Gistoux, il-Belġju) (rappreżen-
tant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Minn naħa, l-annulament tad-deċiżjoni adottata mill-Awtorità
tal-Ħatra fit-12 ta' Lulju 2007 safejn din tiċħad ilment imressqa

mir-rikorrent kontra deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra li tirrifju-
talu l-benefiċċju ta' ċertu kumpens u, min-naħa l-oħra, il-kun-
danna tal-konvenuta għall-ħlas ta' kumpens u ta' imgħaxijiet
għal ħlas tardiv.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla parzjalment id-deċiżjoni adottata mill-Awtorità
tal-Ħatra fit-12 ta' Lulju 2007 safejn l-imsemmija deċiżjoni
tiċħad it-talba għal kumpens imressqa mir-rikorrent, skond
l-ilment tiegħu tad-19 ta' Marzu 2007, u safejn din tirrifjuta
l-prinċipju nnifsu ta' imgħaxijiet għal ħlas tardiv ikkalkolati,
sa mid-29 ta' April 2003, fuq il-kumpens li seta' jingħata lir-
rikorrent abbażi ta' l-Artikolu 73 ta' l-Istatut;
- tikkundanna lill-konvenuta l-ħlas ta' EUR 2 000 bħala kum-
pens, bl-imgħaxijiet ikkalkolati b'rata ta' 6 % mid-19 ta' Marzu
2007, suġġett għal riżerva espliċita ta' żieda, ta' tnaqqis jew
ta' preċiżazzjonijiet ulterjuri;
- tikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrent imgħaxijiet
għal ħlas tardiv, ikkalkolati b'rata ta' 6 % fis-sena, fuq il-kum-
pens kollu li seta' jingħatalu, ulterjorment, abbażi ta' l-Arti-
kolu 73 ta' l-Istatut;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbat i-
ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2007 — Van Arum
vs Il-Parlament**

(Kawża F-138/07)

(2008/C 92/98)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrent: Rinse van Arum (Winksele, Il-Belġju) (rappreżentant:
W. van den Muijsenbergh, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Minn naħa, ir-rikorrent jitlob li d-deċiżjoni ta' l-Awtorità
tal-Ħatra li r-rikorrent jingħata punt ta' meritu wieħed biss tiġi
emendata f'deċiżjoni ta' għoti ta' żewġ punti ta' meritu u, sussid-
jarjament, li d-deċiżjoni msemmija tiġi annullata u li l-Awtorità
tal-Ħatra tiġi ordnata tippovdi lit-Tribunal il-provi u d-doku-
menti kollha abbażi ta' liema ttiċhet id-deċiżjoni kkontestata.
Min-naħa l-oħra, huwa jitlob li l-konvenut jiġi ordnat iħallas is-
somma simbolika ta' ewro bħala danni.